IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru8 (Tmienja) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar, 2025, fil-5pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**8.1. Item Nru 8.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

8.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.10pm u kulħadd kien preżenti.

Is-Sindku talab li immorru direttament ghal item 8.6 minħabba li kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Karl Cutajar.

**8.6 Item Nru. 8.6 fuq l-Aġenda – Rapport Finanzjarju tat-tielet Kwart.**

8.6.1 Is-Sur Karl Cutajar qara u spjega r-rapport finanzjarju u qal li fl-aħħar ta' Settembru 2024 il-Kunsill spiċċa b'surplus. Dan huwa sinjal posittiv ħafna fejn juri li l-Kunsill qiegħed inaqqas l-ispejjeż biex itejjeb il-qagħda finanzjarja. Hu kompla u qal li l-Kunsill għandu l-mira li sa sentejn oħra ikollna FSI posittiv.

Ir-rapport ġie Approvat unanimament fuq proposta ta' Doris Borg u ssekondata mis-Sindku Neil Attard.

**8.2 Item Nru. 8.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

8.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati unanimament.

**8.3 Item Nru. 8.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.3.1 Is-Sindku qal li tal-BCRS lesta u hemm appell minn naħa tal-Iscouts li qed jilmentaw li għal 6m ma tinsabx inregola kif ukoll li ser iżżid traffiku u nuqqas ta' parkeġġ.

Dan ser ifisser dewmien aktar minkejja r-residenti ilhom jitolbuha ħafna.

8.3.2 Is-Sindku qal li r-riċeviment mar-residenti sar u kien suċċess kbir għaliex ġew ħafna nies.

8.3.3 Is-Sur Attard qal li kif qbilna fl-aħħar laqgħa wkoll mal-iskola ikkollaborajna billi xtrajna kotba biex jibbenifikaw minnhom it-tfal tax-Xgħajra.

8.3.4 Is-Sindku qal li dwar il-ħajt perikoluż ta' Triq l-Awrat issa għandna l-Planning Number u dan ser ifisser li jista jinbeda minn naħa tal-Public Works.

8.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-problema ta' ilma li qed jidħol fis-sala ta' taħt il-bandli u qal li qed nistennew l-approvazzjoni mid-DLG għat-talba li għamilna biex ix-xogħol isir permezz ta' Direct Order minħabba l-urġenza tagħha.

8.3.6 Is-Sindku qal li għandna aħbar tajba li ġie iffirmat MOU mal-Public Works fejn ser jinbidel id-dawl tax-xatt kollu u ser jinqaleb għal dak solari. Il-Kunsill ifaħħar din l-inizzjattiva li nikkunsmaw dawl b'enerġija alternattiva.

8.3.7 Is-Sindku qal li dwar il-culvert li l-Kunsill qed jitlob lil Infrastruttura Malta ta' Dawret ix-Xatt ser jerġa jitkellem mal-Perit ta' IM Rodney Micallef.

8.3.8 Is-Sindku tkellem fuq ir-railing tax-xatt u qal li dan issa kważi lesta l-ewwel parti, iġifieri dik minn Triq l-Ispnott sal-Bus Shelter Xgħajra li sar grazzi għal ħaddiema tal-Public Works. Il-Kumplament tar-railing issa ser isir minn Kuntrattur Privat b'permezz ta' Tender.

8.3.9 Is-Sur Attard qal li l-Proġett tal-bankijiet ġodda issa tlesta. Dan sar grazzi għal Development Funds mil-Planning Authority b'Valur ta' €43,000.

8.3.10 Is-Sindku qal li dwar il-Proġett tal-Gal Xlokk li applikajna jidher li weqfin minħabba li qed nistennew no objection mil-Lands minħabba li ser isiru il-pots hija art tal-Gvern.

**8.4 Item Nru 8.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

8.4.1 Is-Sa. Doris Borg qalet li l-esibizzjoni tal-Milied imtella' mit-tfal tax-Xgħajra kienet sabiħa u ta suċċess.

8.4.2 Is-Sa. Borg qalet li l-Kunsill tat-tfal għandna 2 ġenituri interessati diġa. Għal dan il-Kunsill tat-tfal għandna bżonn, minimu ta sitt (6) itfal minn 6 snin il-fuq. S'issa għadna lura però hemm bżonn li nħeġġu lit-tfal permezz tal-iskola.

8.4.3 Is-Sa. Borg staqsiet nistgħux inżidu bankijiet mal-istage minħabba li hemm xi ilmenti. Is-Sindku qal li diġa inbidlu l-positijiet ta' xi bankijiet u żdiedu propju fejn l-istage.

8.4.4 Is-Sa. Borg qalet li fi Triq it-torri t' Alof de Wignacourt hemm problema ta' parkeġġ fejn qed jipparkjaw trakkijiet kbar possibilment iġibuhom minn naħa ta' Maġġi. Dan mhux sewwa għaliex ir-residenti qed igergru li qed jitħallew dawn it-trakkijiet għal tul ta' żmien u huma ma jsibux fejn jipparkjaw. Is-Sindku qal li ser jindirizza dil-problema mal-Pulizija u l-awtoritajiet fil-ġranet li ġejjin.

8.4.5 Is-Sa. Borg qalet li mil-ERA qalulna li s-siġra tal-Yukka tista titneħħa minajr permess għalhekk irridu naraw kif ser titneħħa u l-monument tal-Ħelsien jingħata aktar prominenza. Apparti hekk għandna bżonn niżbru s-siġra taż-żebbuġ li hemm ħdejn il-monument ukoll sabiex ma jibqax jaqa' żebbuġ malart u jkun ta' periklu.

8.4.6 Is-Sa Borg staqsiet ukoll għaliex dan id-dewmien sabiex tixgħel il-bozza l-ġdida ta' Triq l-Ispnott kantuniera ma' Dawret ix-Xatt. Is-Sindku qallha li l-Enemalta qed idumu ħafna ilna li ktibnilhom ħafna.

8.4.7 Is-Sa Borg qalet li tixtieq tieħu lit-tfal tal-year 6 flimkien mal-ġenituri tagħhom sal-Arka ta' Noè. Din ser tkun spiża €20 kull persuna u t-trasport mhux inkluż. Kulħadd qabel li ssir din l-attività.

8.4.8 Is-Sur Michael Mifsud qal li fi Triq l-iskola qed isir sewqan eċċessiv u hemm bżonn li ssir sleeping police. Il-Kunsill qabel però rridu naraw fejn u quddiem min tista ssir eżatt biex ma jkollnix tgergir minħabba l-istorbju. Is-Sur Mifsud qal li ser jerġa jitkellem mar-residenti u jkollu aktar dettal fil-laqgħa li jmiss.

8.4.9 Is-Sur Mifsud qal li l-iskart qiegħed idum ħafna ma jinġabar. Dan qed iġib problema ta' aktar ġrieden u ħmieġ fit-toroq. Is-Sindku qal li din il-problema ilu jitkellima mar-Reġjun

għaliex il-Kuntrattur huwa taħt ir-Reġjun u mhux mal-Kunsill. Ser jerġa jitkellimha fil-laqgħa li ser ikollu li jmiss.

8.4.10 Is-Sur Duncan qal li l-pjanti tħawwlu fi żmien il-Milied u staqsa jekk tistax issir kurduna biex tilqa l-ħamrija milli tinżel. Dan wara li kellha tiżdied il-ħamrija minħabba li kien hemm ftit. Is-Sindku qal li din ser issir fil-ġranet li ġejjin mil-ħaddiema assenjati.

8.4.11 Is-Sur Duncan staqsa dwar jistax isir sampling fil-Park tal-inwadar lejn ilmpjant tad-drenagg. Is-Sindku qallu li dan irridu nsaqsu lic-Chairman is-Sur Steve Borg.

8.4.12 Is-Sur Duncan staqsa jekk nistgħux nippjanaw laqgħa mat-tmexxija ta' Smart City u naraw kif jista jissebbħu s-soft areas li hemm kif ukoll tistax issir koperazzjoni mal-Kunsill anke minħabba l-fatt li żdied it-traffiku bil-ftuħ ta' Shoreline.

8.4.13 Is-Sur Duncan staqsa wkoll kif baqaw is-siġar li kellhom iħawlu Ta' Barkat.

8.4.14 Is-Sur Duncan staqsa jekk nistgħux nitolbu Internet miftuħ max-xatt kollu specjalemnt lejn in-naħa tal- Milord.

8.4.15 Is-Sur Ray Duncan staqsa jekk nistgħux nippruvaw napplikaw għal xi fondi tal-Ewropa bl-għajnuna ta' SEM.

8.4.16 Is-Sa. Antonia Buttigieg qalet li nhar l-24 tax-xahar ser ittella' ħarġa Kulturali sal-mitħna tax-Xarolla Żurrieq.
Is-Sa. Doris staqsiet għaliex ir-riklam tagħha ittella' fuq Facebook qabel ma ġiet diskussa fil-laqgħa.

8.4.17 Is-Sa. Antonia staqsiet jekk intbgħatetx l-ittra lir-residenti ta' Triq Santa Tereża. Is-Sindku qal li għadu le.

8.4.18 Is-Sa. Buttigieg staqsiet nistgħux nagħmlu xi ħaġa fil-Fort Park minħabba l-periklu li hemm mad-ditch. Is-Sindku qal li ma nistgħu ninstallaw xejn aħna hemm biss fence tal-istainless steel. Il-Kunsill qabel li jordna tabella li tindika li hemm periklu.

**8.5 Item Nru. 8.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

8.5.1 Ir-rapport ġie preżentat fil-bidu tal-laqgħa

**8.7 Item Nru. 8.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

8.6.1 Is-Sindku ippropona li nirrikonoxxu l-ħidma li qed jagħmel is-Sur Neil Bonnici fl-uffiċċju billi niffinanzjaw allowance ta' 200 fix-xahar ta' din il-ħidma. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

**8.8 Item Nru. 8.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

8.8.1 Pagamenti b'numru 7 ġew approvati unanimament.

**8.9 Item Nru. 8.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

8.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**8.11 Item Nru. 8.11 fuq l-Aġenda - Approvazzjoni tal-Performance Bonus**

8.11.1 Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus kollu iġifieri dak ta' 10% biex imbgħad l-*appraisal* jgħaddi għand id-DLG u jiġi kkunsidrat il-5% l-oħra. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

8.11.2 Is-Sindku ippropona li jingħata Bonus lis-Sa. Miriam Buhagiar ekwivalenti ta' 6% ta' Assistant Principal. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

8.11.3 Is-Sindku ippropona li jingħata Bonus lis-Sur Noel Bonnici bħal ħaddiema l-oħra tal- CWS. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

**8.10 Item Nru. 8.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

8.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.04pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 20 ta' Frar fil-5pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |